DIVIZJONI

INTEMPESTIVITA STANTE PENDENZA TA' KAWZA TA' SPOLL

L-AZZJONI TA'SPOLL HIJA TA' ORDNI PUBBLIKU

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 659/2017/LSO**

**Leanne Attard (KI. 483189M)**

**vs**

**Jennifer Calleja (KI. 546458M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Leanne Attard (KI. 483189M) datat 21 ta' Lulju 2017 fejn l-istess Leanne Attard bil-gurament taghha kkonfermat :

**Dikjarazzjoni dwar l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza**

1. Illi l-esponenti rikorrenti hija komproprjetarja flimkien mal-intimata tal-garaxx minghajr numru ufficjali, inkluz il-gnien zghir li hemm fuq wara ta' l-istess garaxx, sottostanti l-fond bin-numru hamsa u tletin (35) bl-isem 'Mariant' f'Gorse Street, Birkirkara, minn liema triq l-istess garaxx huwa accessibbli, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tnax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€12.21).

2. Illi l-esponenti ghandha sehem indiviz ta' ghoxrin minn wiehed u ghoxrin (20/21) mill-garaxx in kwistjoni.

3. Illi l-esponenti rceviet tali sehem indiviz ta' 20/21 permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli maghmul in atti tan-Nutar Dr Ian Castaldi Paris nhar il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Dokument anness u mmarkat bhala **Dok A**).

4. Illi l-intimata Jennifer Calleja ghandha sehem wiehed indiviz minn wiehed u ghoxrin (1/21) mill-imsemmi garaxx.

5. Illi l-garaxx in kwistjoni gie stmat bhala li ghandu l-valur ta' sitta u erbghin elf u hames mitt ewro (€46,500) mill-Perit Godwin Abela imqabbad *ex parte.*

**Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri**

6. Illi l-esponenti ma tridx tibqa' izjed in komunjoni mal-intimata tal-garaxx minghajr numru ufficjali, inkluz il-gnien zghir li hemm fuq wara ta' l-istess garaxx, sottostanti l-fond bin-numru hamsa u tletin (35) bl-isem 'Mariant' f'Gorse Street, Birkirkara, u ghalhekk qieghda tistitwixxi dawn il-proceduri.

7. Illi l-garaxx in kwistjoni mhuwiex komodament divizibbli.

8. Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt naxxenti mill-Artikolu 516 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' sabiex titlob il-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` fuq indikata;

9. Illi r-rikorrenti tiddikjara li taf b'dawn il-fatti personalment;

**Talbiet**

Tghid ghalhekk l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara illi r-rikorrenti hija proprjetarja ta' sehem ta' 20/21 indiviz mill-garaxx minghajr numru ufficjali, inkluz il-gnien zghir li hemm fuq wara ta' l-istess garaxx, sottostanti l-fond bin-numru hamsa u tletin (35) bl-isem 'Mariant' f'

Gorse Street, Birkirkara filwaqt illi l-intimata hija proprjetarja ta' sehem indiviz wiehed minn wiehed u ghoxrin (1/21) mill-imsemmi garaxx;

ii. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha d-dritt li ma tibqax in komproprjeta' mal-intimata tal-garaxx in kwistjoni;

iii. Tiddikjara illi l-garaxx in kwistjoni mhuwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom, u dan okkorrendo bin-nomina ta' *periti nominandi;*

iv. Tordna li l-istess proprjeta` fuq indikata, appartenenti lill-kontendenti indivizament bejniethom, tinbiegh b'licitazzjoni bil-partecipazzjoni wkoll ta' oblaturi estranei;

v. Tordna li r-rikavat mill-bejgh tal-istess proprjeta`, dedott l-ispejjez, jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi taghhom, kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Jennifer Calleja (K.I. 546458M) datata 8 ta’ Awwissu 2016 (fol 12) fejn ikkonfermat :-

1. Preliminarjament illi din il-kawza ma' tistax tinstema' u ghalhekk saret intempestivament u dana abbazi tal-principju illi kawza petitorja m'ghandhiex tibda tinstema' sakemm tkun giet deciza il-kawza possessorja li tkun ghadha pendenti, fil-kaz in ezami kawza ta' spoll li l-esponenti kienet fethet kontra l-aventi kawza tal-attrici rikors numru 754/2011JA fl-ismijiet **Jennifer mart Alfred Calleja et vs Anthony Attard et** u deciza mill-Qorti ta' Prim' Istanza fit-28 ta' Marzu 2014, fejn il-Qorti tal-Prim Istanza kienet ordnat lil missier l-attrici u l-aventi kawza taghha jispurga l-ispoll kommess minnu kontra l-esponenti fi zmien qasir u perentorju indikat mill-Qorti f'dik is-sentenza, kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim' Istanza annessa u mmarkata **Dokument A.** Din il-kawza pero' ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Ghandu jinghad ukoll illi l-aventi kawza tal-attrici, ghamel u ghadu jaghmel minn kollox sabiex ma' tinghatax sentenza finali f'din il-kawza anke billi ghal xhur jekk mhux snin shah baqa' qatt ma' nnotifika lill-esponenti bl-appell tant illi l-Qorti tal-Appell kien iddiferixxa l-kawza *sine die* ghal ben darbtejn u ghal xi raguni jew ohra, forsi wkoll bi zball u minkejja dan regghet appuntat l-appell ghat-tielet darba haga li, qed jigi sottomess, ma' tistax issir. Infatti l-esponenti qieghda kontestwalment mal-prezentata ta' din ir-risposta guramentata tintavola rikors f'dik il-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell fejn fih talbet ir-revoka *contrario imperio* tat-tielet riappuntament tal-Appell u talbet ukoll illi l-kawza tigi ddikjarata dezerta fl-Appell. Dan ir-rikors qed jigi anness u mmarkat **Dokument B.**

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll illi m'hu minnu xejn illi l-garaxx in kwistjoni m'huwiex komodament divizibbli tant illi fis-sentenza moghtija in Prim'lstanza fil-kawza fuq riferita Dokument A il-Qorti kienet iddikjarat illi bhala fatt il-garaxx in kwistjoni kien komodament divizibbli u dana wara li dik il-Qorti kienet qaghdet fuq il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Arkitett minnha nnominat sabiex iffittex u jirrelata dwar jekk il-garaxx kienx jew le komodament divizibbli bil-Perit Marie Louise Musumeci illum Cremona tiddikjara fl-affermattiv. Ara r-rapport peritali anness u mmarkat **Dokument C.**

3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet lanqas m'hu minnu illi l-garaxx in kwistjoni ghandu valur ta' €46,500 valutazzjoni din kompletament *ex-parte* u meta l-esponenti ghandha valutazzjoni ohra ukoll *ex-parte* li tghid illi l-garaxx in kwistjoni ghandu valur ta' €75,000. *Piu'* illi dawn iz-zewg valutazzjonijiet gew maghmulha snin ilu u kif jaf kulhadd u skont il-*price index* ufficjali dwar kemm zdied il-valur tal-proprjeta' immobli f'dawn l-ahhar snin u cioe' b'cirka 30% / 40% ma' jista' qatt ikun illi l-istima oghla tal-perit *ex-parte* tal-esponenti ghandha tibqa' l-istess ahseb u ara l-valutazzjoni *ex-parte* tal-Perit Godwin Abela mqabbad mill-avventi kawza tal-attrici. Ara stima tal-perit Neil Attard annessa u mmarkata **Dokument D.**

4. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dawk li jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet

kollha attrici bl-ispejjez kontriha salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Timothy Bartolo ghall-attrici prezenti u Dr Kenneth Grima ghall-konvenuta prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, fuq l-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-intimata dwar l-intempestivita, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in parte* ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata fejn qed tigi sollevata l-intempestivita` ta' din l-azzjoni *stante* li din il-kawza ma tistax tinstema' sakemm tkun finalment deciza l-kawza possessorja ta' spoll.

*Preliminarjament din il-kawza ma tistax tinstema' u ghalhekk saret intempestivament u dan abbazi tal-principju illi kawza petitorja m'ghandhiex tibda tinstema' sakemm tkun giet deciza l-kawza possessorja li tkun ghadha pendenti, fil-kaz in ezami kawza ta' spoll li l-esponenti kient fethet kontra l-aventi kawza tal-attrici, fejn il-Qorti tal-Prim Istanza kienet ordnat lil missier l-attrici u l-aventi kawza taghha jispurga l-ispoll kommess minnu*

*kontra l-esponent fi zmien qasir u perentorju indikat mill-Qorti f'dik is-sentenza kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim' Istanza hawn annessa u mmarkata Dok A. Din il-kawza pero` ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell*.

*Ghandu jinghad ukoll illi l-aventi kawza tal-attrici, ghamel u ghadu jaghmel minn kollox sabiex ma tinghatax sentenza finali f'din il-kawza anke billi ghal xhur jekk mhux snin shah baqa' qatt ma nnotifika lill-esponent bl-appell tant illi l-Qorti tal-Appell kien iddeferixxa l-kawza sine die ghal ben darbtejn u ghal xi raguni jew ohra, forsi wkoll bi zball u minkejja dan regghet appuntat l-appell ghat-tielet darba haga li, qed jigi sottomess, ma tistax issir. Infatti, l-esponenti qeghda kontestwalment mal-prezentatat ta' din ir-risposta guramentatat tintavola rikors f'dik il-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell fejn fih talbet ir-revoka contrario imperio tat-tielet riappuntament tal-Appell u talbet ukoll illi l-kawza tigi dikjarata dezerta fl-Appell. Dan ir-rikors qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument B.*

**Provi:**

**Leanne Attard** xehdet permezz ta' affidavit (fol 44-45) fejn qalet, li hi bint Lino u Rita Attard, li tawha sehemhom mill-garaxx in kwistjoni, u r-rimanenti sehem hu tal-intimata, li hi kugina taghha. Semmiet li qabel assenjaw sehemhom lilha, taf li l-genituri taghha ppruvaw jilhqu ftehim ma' l-intimati biex jixtru s-sehem taghha izda ma ntlahaqx ftehim.

**Dritt:**

Jigi osservaat fl-ewwel lok, li l-kaz esebit mal-eccezzjonijiet bhala Dok A, mhuwiex il-kaz ta' spoll, li dwaru titratta l-vertenza in ezami. Izda l-azzjoni ta' spoll huwa l-kaz 754/2011, esebit ulterjorment fl-atti, kif jirrizulta wkoll minn korrezzjoni awtorizzata b'digriet datat 14 ta' Novembru 2017.

L-avukat difensur tar-rikorrenti ssottometta fit-trattazzjoni, li l-kaz fl-atti tal-appell citat in sostenn ghall-eccezzjoni tal-intimata, hija fl-ismijiet "Jennifer mart Alfred Callejja u l-istess Alfred Calleja ghal kull interess li jista' jkollu kontra Anthony maghruf bhala Lino Attard u martu Rita Filippa Attard", b'hekk sostna li Leanne Attard ma tidhirx bhala parti fil-kawza . Izda jirrizulta mill-istess trattazzjoni li l-awtur fit-titlu tal-attrici odjerna, Lino Attard huwa missier Leanne Attard, u peress li Leanne Attard kienet toqghod ma' missierha hija a konoxxenza tal-kaz ta' spoll referut f'din l-ewwel eccezzjoni, u cioe` Rik. Numru 754/2011JA, pendenti quddiem l-Appell.

Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tal-intimata, fit-trattazzjoni, ssottolinea li sakemm l-ispoll ma jigix spurgat, ma jistax isir kaz bhal dan odjern, fejn qed jintalab li l-istess fond mertu tal-kaz possessorju ta' spoll jigi dikjarat li mhuwiex komodament divizibbli sabiex il-partijiet ma jibqghux f'komproprjeta`.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi dak ribadit fil-gurisprudenza nostrana, li mhux permess li tigi promossa u deciza kawza fl-istadju tal-petitorju qabel ma' l-attur ikun

irreintegra l-ispoljat bl-esekuzzjoni tas-sentenza. F'kaz li din ir-reintegrazzjoni tibqa' ma ssehhx, l-*actio petitoria* ghandha tistenna. (Ara **Anthony Zarb vs Michael Caruana**, P.A. (123/86VBC - 30 ta' Lulju 1986).

L-istess insenjament gie applikat fil-kaz **Jimmy Vella Limited vs Carmelo Fenech**, P.A. (1235/05 GV) - 28 ta' April 2006, fejn gie ritenut li peress li l-Qorti rravizzat li l-ispoll kien ghadu mhux reintegrat, l-eccezzjoni ta' intempestivita` sollevata mill-intimat kelha tintlaqa'.

Relevanti wkoll huwa l-kaz **Andrew Briffa et vs Michael Aquilina et**, P.A. (1139/2007 AF) deciz fit-23 ta' Gunju 2016, li rreferiet ghas-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, li fis-26 ta' Gunju 2009, fl-istess ismijiet, li kienet biddlet id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari. Illi l-Qorti tal-Appell fil-kaz 1139/2007/1, datat 26 ta' Gunju 2009, rriteniet hekk:

*"….id-decizjoni tal-ewwel Qorti hi zbaljata ghax injorat ghal kollox il-gurisprudenza li kostantament irriteniet li l-kawza fil-petitorju ma tistax tissokta qabel mal-ispoll jigi spurgat. L-iskop tal-kawza ta' spoll privileggjat jispicca jekk min ikun hati ta' agir spoljattiv ikun jista' jimexxi bil-petitorju filwaqt li jhalli lill-posseesur sprovvist mill-pussess li kellu qabel l-agir tieghu. Ladarba l-allegat proprjetarju ta' fond instab responsabbli ta' spoll, irid l-ewwel jirreintegra lill-possessur fil-pussess li kellu qabel ma jirrivendika l-proprjeta` tieghu."*

*"Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Jimmy Vella Ltd. vs Fenech****, deciza fit-28 ta' April 2006, kawza rei*

*vindicatoria ma tistax tipprocedi qabel ma' l-ispoll jigi riversat."*

L-istess kaz sucitat deciz mill-Qorti tal-Appell, irrefera ghal kaz **Cassar et vs Xuereb Montebello et**, deciza fit-28 ta' Mejju 1956, fejn gie osservat:

*"Il-kumulu taz-zewg azzjonijiet, il-possessorja u l-petitorja hu projbit; u dan id-divjet jestendi ruhu ghall-effettiva u plenarja re-integrazzjoni ta' dik il-persuna li l-pussess taghha, anke jekk illegittimu, ikun gie turbat. Liema reintegrazzjoni ma ssirx "actu" bil-prolazzjoni tas-sentenza, imma tabilhaqq bl-ezekuzzjoni ghal kollox tas-sentenza possessorja; u l-ineffikacja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-ezekuzzjoni tas-sentenza possessorja ma tistax tigi sanata bl-akwijexxenza jew bil-kunsens, espress jew tacitu, tal-kontro-parti, billi dak id-divjet hu ta' ordni pubbliku u maghmul mil-ligi espressament b'mod assolut, u kwindi l-gudikant ma jistax ma jaghtix kaz tieghu minghajr ma jivvjola l-awtorita` tal-ligi."*

In effetti, l-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Briffa et vs Aquilna et**, rribadiet:

*"F'kaz li jigi deciz li fil-fatt saret ir-reintegrazzjoni fil-pussess, allura dik il-Qorti tista' tipprocedi bis-smigh fil-mertu ta' din il-kawza; izda f'kaz li ma saritx ir-reintegrazzjoni effettiva u kompleta, allura tkun trid tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut u fid-dawl tal-gurisprudenza in materja, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju."*

In segwitu ghal dan il-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-kaz sucitat **Briffa et vs Michael Aquilina**, P.A. (AF) – 23 ta' Gunju 2016, kellu jiddetermina jekk sarx ir-rispristinar komplet, fejn kien gie deciz, li saru xi xoghlijiet sabiex jigi ripristinat il-bejt, izda ma kienx sar dak kollu necessarju biex jottemperaw ruhhom mas-sentenza tal-Qorti kif rikjest, kwindi ma setghux jiproponu kawza fil-petitorju.

Jirrizulta, fil-kaz in dizamina, li fil-kaz deciz mill-Ewwel Qorti, 754/2011, il-genituri tar-rikorrenti, l-awturi fit-titlu taghha, gew ordnati jispurgaw l-ispoll kommess. Jirrizulta wkoll li l-genituri tar-rikorrenti appellaw minn dik is-sentenza u l-appell ghadu sal-lum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, wara li gie differit *sine die* tliet darbiet. In segwitu, jirrizulta, li ghad hemm rikors ghar-revoka *contrario imperio* ta' digriet fejn sar it-tielet riappuntament tal-Appell, u sabiex il-kaz imur dezert.

It-talba odjerna, hija talba ghal divizjoni sabiex il-partijiet ma jibqghux f'komproprjeta` fir-rigward tal-garaxx bla numru, inkluz il-gnien zghir, sottostanti l-fond 35, 'Mariant', Gorse Street, B'kara. Illi huwa stabbilit, u mhuwiex ikkontestat, li l-kontendenti fil-kaz in ezami, huma komproprjetarji.

Illi huwa pacifiku bejn il-kontendenti, li f'dan l-istadju ghadha ma sehhitx ir-reintegrazzjoni tal-pussess pendenti l-appell.

Ghalhekk, ma jregix l-argument tal-avukat difensur tar-rikorrent avvanzata fit-trattazjoni li ma tezistix kawza

possessorja bejn il-partijiet f'dan il-kaz. Illi jirrizulta li tezisti kawza possessorja pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, fejn l-awturi fit-titlu tar-rikorrent baqghu ma rreintegrawx l-ispoll rigwardanti l-fond ossija garaxx mertu wkoll tal-vertenza in dizamina.

Hawnhekk, ta' min isemmi dak ritenut u osservat b'mod kostanti f'kawza ta' spoll fejn il-Qrati taghna sostnew li:

*"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja b'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."* (ara **Louis Cassar vs San Lawrenza Leisure Resort Limited et**, Qorti tal-Appell – 15 ta' April 2013).

Dwar dan l-aspett **Mattiriolo** spjega:

*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e` una misura di ordine pubblico, e` un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'art.695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola 'spoliatus ante omnia restituendus'. Il perche' l' azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia per questo anche solo precario, o di origine illegitima, purche pero` abbia il carattere esteriore dell' esercizio di un preteso diritto."* (Ara **Joseph Tabone vs Joseph Flavia**, App. Civ. 7.03.1958, Vol XLII.I.86).

Illi fil-kaz **Genovese Cutajar vs Emmanuel Cutajar**, P.A. - 22 ta' Ottubru 1953, inghad:

*"L-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku, u hija intiza sabiex tipprovdi azzjoni mhaffa u effikaci biex hadd ma jiehu l-ligi b'idejh. Jigi dedott ukoll li l-azzjoni ta' spoll privileggjat, ma jista' jkun hemm l-beda rizoluzzjoni finali, naha jew ohra rigwardanti t-titolu ta' proprjeta` tal-art spoljata. Ghalhekk fil-fatt, fil-kawza ta' spoll ma jistax ikun hemm azzjoni possessorja u ohra petitorja."* (Ara wkoll **Anglu Cilia vs Frank Calleja et**, P.A. - 29 ta' Ottubru 2009; **Farr Ltd vs Norman Cutajar noe et**, Qorti tal-Appell, 6 ta' Frar 2004).

Ghalhekk, fil-kaz taht ezami, ma sehhitx ir-reintegrazzjoni kif ordnata fil-kaz ta' spoll, peress li l-kaz possessorju ta' spoll ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Din ir-reintegrazzjoni hija necessarja propru ghaliex kaz ta' spoll huwa ibbazat fuq esigenzi ta' ordni pubbliku, kif, *del resto* intqal, fl-insenjament sucitat. Taht din l-ottika, xejn ma jiswa ghar-rikorrenti li tinsisti li ma kenitx l-awtrici tal-allegat azzjoni spoljattiva u li mhix parti fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Aparti l-fatt li kienet a konoxxenza tal-kawza imsemmija, l-awturi fit-titlu taghha jistghu dejjem jigu kkundannati jirreintegraw lill-intimata odjerna fil-pussess taghha fis-sentenza finali. Huwa wisq evidenti li jekk il-kawza odjerna titkompla, r-rimedju stabbilit mill-legislatur <u>fl-interess tal-ordni pubbliku</u> jigi stultifikat.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, takkolji l-eccezzjoni tal-intimata u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija

intempestiva, *stante* li ma saru l-ebda xoghlijiet rigward ir-ripristinar u r-reintegrazzjoni tal-ispoll.

**III. <u>KONKLUZJONI:</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata, tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija intempestiva, u tillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2018**